KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 20 ta' Mejju 2010 (28.05)
(OR. en)

8821/10

JAI 320
COSI 20
CORDROGUE 40
CRIMORG 79
JAIEX 39

NOTA

Minn:	Segretarjat Ġenerali
Lil:	Kunsill
Nru dok. preċ.:	8495/10 JAI 294 COSI 18 CORDROGUE 38 CRIMORG 74 JAIEX 36 + COR 1
Suġġett:	Abbozz ta' patt Ewropew għall-ġlieda kontra t-traffikar internazzjonali tad-droga - Tfixkil tar-rotot tal-kokaina u l-eroina

Fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' April 2010, il-COREPER qabel dwar l-abbozz ta' patt Ewropew għall-ġlieda kontra t-traffikar internazzjonali tad-droga - Tfixkil tar-rotot tal-kokaina u l-eroina, kif jinsab fid-dokument 8495/10 JAI 294 COSI 18 CORDROGUE 38 CRIMORG 74 JAIEX 36 + COR 1

Għaldaqstant il-Kunsill mistieden japprova l-patt imsemmi hawn fuq kif jinsab fl-anness.

ANNESS

PATT EWROPEW GĦALL-ĠLIEDA KONTRA T-TRAFFIKAR INTERNAZZJONALI TAD-DROGA - TFIXKIL TAR-ROTOT TAL-KOKAINA U L-EROINA

Il-konsum u t-traffikar akbar tad-droga għadhom iħassbu lill-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea u lill-Istituzzjonijiet tagħha. Huwa ta' tħassib kbir f'termini ta' ordni pubblika u saħħa pubblika.

Is-sitwazzjoni tat-traffikar internazzjonali tad-droga tqanqal żewġ osservazzjonijiet:

– In-netwerks tal-kriminalità organizzata involuti fit-traffikar tad-droga huma transnazzjonali. Huma jistgħu jadattaw għall-kontromiżuri meħudin mill-Istati individwali. L-aktar rispons effettiv jinstab fil-livell Ewropew.

– L-Istati Membri tal-UE huma affettwati mit-traffikar tad-droga b'modi differenti; huma jistgħu jaqblu kollha li jingħaqdu fil-ġlieda kontra dan it-traffikar billi jieħdu miżuri speċifiċi skont is-sitwazzjoni ġeografika tagħhom, l-ammont tar-riżorsi tagħhom u l-intensità tat-theddid li jaffettwahom b'mod partikolari.

Dawn l-osservazzjonijiet huma r-raġunijiet għad-deċiżjoni tal-Kunsill li jikkonkludi Patt Ewropew kontra t-traffikar internazzjonali tad-droga, iffokat f'dan l-istadju fuq il-kokaina u l-eroina. Dan il-proġett huwa l-ewwel pass li għandu jservi fil-futur bħala mudell għall-ġlieda kontra kategoriji oħrajn ta' drogi, primarjament il-kannabis u d-drogi sintetiċi. Huwa parti integrali mill-aspett tal-infurzar tal-liġi tal-Istrateġija tal-UE kontra d-droga (stabbilita fl-2005) u l-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-2009-2012 li jippromovu approċċ globali bbilanċjat ibbażat fuq tnaqqis simultanju tal-provvista u d-domanda. Din hija applikazzjoni prattika tal-Programm ta' Stokkolma u tal-Istrateġija Ewropea għas-sigurtà interna adottata mill-Kunsill.
L-implimetazzjoni tiegħu għandha ssir f'konformità mal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE u nazzjonali, speċjalment dik dwar il-protezzjoni tad-data.

* * *

Il-Patt Ewropew għall-ġlieda kontra t-traffikar internazzjonali tad-droga għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji li ġejjin:

1. Aħna ser inkunu mpenjati għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni politika bejn l-Istati Membri, l-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-aġenziji Ewropej rilevanti, b'mod partikolari mal-Europol u mal-Eurojust. L-għan tagħna huwa li niżguraw koerenza ta' azzjoni kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni Ewropea kontra t-traffikar tad-droga.

2. Aħna ser nagħmlu l-aħjar użu possibbli mir-riżorsi tagħna. Aħna ser niġbru flimkien is-servizzi aktar speċjalizzati tal-Istati Membri f'netwerks operattivi, li ser ikunu bbażati fuq l-istrutturi multilaterali eżistenti għall-iskambju ta' informazzjoni, inkluż l-Europol u l-Eurojust, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom. Aħna ser nagħmlu użu mill-gruppi eżistenti ta' esperti ta' livell għoli kull meta jkun meħtieġ.

3. Aħna ser « nikkondividu l-kompiti tagħna » fi ħdan l-Unjoni Ewropea. B'dan il-mod, gruppi ta' Stati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jingħaqdu fl-isforzi tagħhom u jużaw ir-riżorsi tagħhom b'mod prijoritarju fit-tip ta' ġlieda li għaliha huma mgħammra l-aħjar, filwaqt li jibbenefikaw mill-azzjonijiet imwettqin mis-sħab tagħhom kontra forom oħrajn ta' traffikar. Pereżempju, l-esperjenza tal-Istati Membri fl-indirizzar tat-traffikar tal-kokaina fir-rotta tal-Punent u l-ekwivalenti għal dawk l-Istati Membri fl-indirizzar tat-traffikar tal-eroina fir-rotta tal-Lvant għandha tintuża kompletament.

4. Aħna ser nieħdu kont tas-sitwazzjoni u l-ħtiġiet tal-pajjiżi tal-oriġini u ta' transitu u ser naħdmu fi sħubija magħhom. Aħna ser ninvolvu lill-pajjiżi sħab prinċipali tal-UE barra mill-UE kif ukoll l-UNODC u l-Interpol. Għaldaqstant, aħna ser nikkunsidraw dawn l-elementi meta niddefinixxu l-linji ta' politika Ewropej lejn dawn id-diversi pajjiżi terzi. Din il-kooperazzjoni għandha tkun konsistenti u f'sinerġija mal-linji ta' politika u l-istrutturi esterni u ta' tkabbir tal-UE.

5. L-ewwelnett aħna għandna nagħżlu li niffokaw l-azzjoni tagħna kontra l-kokaina u l-eroina. Tipi oħrajn ta' droga (drogi sintetiċi, kannabis) ser ikunu l-oġġett ta' inizjattivi futuri. Inizjattiva komparabbli dwar drogi sintetiċi ser titnieda fl-2011, flimkien mal-Kummissjoni, sabiex jiġi stabbilit approċċ komuni fost l-Istati l-aktar affettwati partikolarment f'termini ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni u taħriġ speċjalizzat, biex tkun miġġielda d-devjazzjoni tal-prekursuri kimiċi u biex tiġi intensifikata l-kooperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri kif ukoll sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti. Barra minn dan, inizjattiva simili hi preivista għat-trattament tal-kannabis.

6. Aħna ser niddeċiedu li ngħaqqdu din l-azzjoni mmirata ma' impenn komuni b'għan doppju. Ġewwa l-Unjoni aħna ser neżaminaw u ntejbu fejn adatt l-istrumenti indispensabbli biex nolqtu t-traffikanti permezz tar-rikavat kriminali tagħhom. Aħna ser nappoġġaw ukoll l-iżvilupp ta' strumenti komparabbli f'pajjiżi terzi.

7. Aħna ser inkunu deċiżi li niġġieldu kontra t-traffikar tad-droga sabiex nagħtu daqqa ta' ħarta kbira lill-organizzazzjonijiet kriminali li huma ta' theddid prinċipali għas-soċjetajiet ċivili tagħna kif ukoll is-soċjetajiet tal-oriġini u ta' transitu, minħabba l-versitalità tagħhom, it-tendenza tagħhom għall-vjolenza, ir-riżorsi disponibbli tagħhom u n-natura transnazzjonali tagħhom.

8. Aħna ser inħeġġu lill-Istati Membri biex jikkooperaw mill-qrib sabiex itejbu l-kontroll tal-fruntieri esterni bil-ħsieb tal-prevenzjoni tat-traffikar tad-drogi illeċiti fl-UE.

* * *

Għaldaqstant, dan il-Patt Ewropew għandu jistrieħ fuq tliet impenji prinċipali:

I - Tfixkil tar-rotot tal-kokaina

- Iċ-ċentri reġjonali għall-iskambju ta' informazzjoni stabbiliti fl-Afrika tal-Punent, f'Akkra (il-Gana) u d-Dakar (is-Senegal), għandhom isiru strument speċjali fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-kokaina, bħala parti minn azzjoni komuni mill-Istati Ewropej u l-Istituzzjonijiet tal-UE fil-kosta tal-Atlantiku u l-Mediterran**.** F'dan ir-rigward:

  – għandhom jissaħħu r-riżorsi tagħhom u l-kapaċità tagħhom li jaħdmu flimkien (mira: Settembru 2010);

  – il-funzjonijiet tagħhom għandhom jinkludu l-iskambju ta' intelligence bejn is-sħab, il-forniment ta' konsulenza esperta sabiex tittejjeb l-effettività tal-investigazzjonijiet lokali u l-appoġġ għal-linji ta' politika dwar l-assistenza u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi ta' transitu fl-Afrika tal-Punent (mira: minn Settembru 2010);

  – iċ-ċentri għall-iskambju ta' informazzjoni għandhom ikunu marbutin ma' xulxin, mal-MAOC-N u s-CECLAD-M permezz ta' netwerk sikur tal-ICT stabbilit mill-Europol taħt l-awtorità tal-Istati Membri (mira: Jannar 2011);

  – l-Applikazzjoni ta' Netwerk ta' Skambju ta' Informazzjoni Sikura (SIENA) tal-Europol għandha tkun użata mill-Istati Membri fiċ-ċentri reġjonali fl-għamla ta' terminal SIENA (mira: minn Jannar 2011);

  – bil-għan li jittejjeb il-fluss tal-informazzjoni, l-Europol għandu jikkolega ċ-ċentri reġjonali fi ħdan il-qafas legali applikabbli (mira: 2010-2011).

  Dawn l-inizjattivi ser jiġu implimentati b'kont meħud ta' valutazzjonijiet li ser isiru taċ-ċentri reġjonali għall-iskambju ta' informazzjoni.

- L-Europol għandu jipprovdi appoġġ analitiku għall-Istati Membri li qed jipparteċipaw fiċ-ċentri reġjonali taħt għamliet differenti:

  - Abbażi tal-ewwel Valutazzjoni tat-Theddida mill-Kriminalità Organizzata - Afrika tal-Punent (OCTA-WA) li ser tiġi aġġornata, jekk meħtieġ, l-analiżi strateġika inkluża fl-OCTA ser issir disponibbli u tiġi kkomplimentata minn "notifiki ta' theddid" personalizzati (OC-SCAN) (mira: Settembru 2010);

  - b'mod parallel, għandha tkun ipprovduta analiżi operattiva bl-użu ta' "gruppi mmirati" speċifiċi fil-fajls eżistenti ta' analiżi bħall-AWF COLA (mira: Jannar 2011).

- Skambju ta' informazzjoni bejn l-Europol u l-missjonijiet PSDK fl-Afrika tal-Punent (speċjalment l-EUSSR Guinea Bissau) għandu jiġi esplorat **bir-reqqa** bħala triq 'il quddiem sabiex jiġi appoġġat il-bini ta' kapaċitajiet tal-awtoritajiet lokali.

- Il-ġlieda kontra d-droga għandha tibqa' element importanti tar-relazzjonijiet esterni bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi prinċipali:

  – F'koerenza u sinerġija sħaħ ma' linji ta' politika esterni tal-UE, għandhom jissaħħu s-sħubiji mal-pajjiżi tal-oriġini (l-Amerika t'Isfel u l-Amerika Ċentrali) u l-pajjiżi ta' transitu (l-Afrika tal-Punent**)** u s-sħab prinċipali tal-UE (speċjalment l-Istati Uniti) u għandu jkun żviluppat l-aspett operattiv tagħhom (mira: 2010-2012);

  – għandhom ikunu stabbiliti fi ħdan il-qafas legali applikabbli kuntatti regolari mal-istrutturi internazzjonali rilevanti għall-iskambju tal-informazzjoni, bħall-JIATF fil-Key West (mira: minn Settembru 2010).

- F'konformità mal-filosofija tas-sħubiji reġjonali u l-isforzi kondiviżi, l-assistenza teknika għall-pajjiżi tal-oriġini (l-Amerika Latina u l-Karibew) u għall-pajjiżi ta' transitu (l-Afrika tal-Punent) għandha tkun intensifikata u koordinata.
  F'dan ir-rigward, l-azzjoni strateġika u miftiehma għat-titjib tal-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata li toriġina fl-Afrika tal-Punent inkluża fid-dokument orjentat lejn l-azzjoni adottat mill-Kunsill fit-22-23 ta' April 2010, kif ukoll il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni UE-LAC dwar id-drogi ser ikun il-qafas ta' referenza:

  – l-attivitajiet ta' kooperazzjoni mmexxija mill-Istati Membri tal-UE u l-Kummissjoni f'taħriġ għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga illegali għandhom isiru koerenti sabiex jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u jiġu koperti distakki possibbli (mira: għandhom isiru effettivi mill-2011);

  – għal dan il-għan, għandu jkun stabbilit mekkaniżmu flessibbli u konsultattiv ad hoc biex jikkoordina l-attivitajiet ta' assistenza teknika destinati għall-Afrika tal-Punent, f'assoċjazzjoni mal-Kummissjoni u f'konformità mal-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fit-30 ta' Novembru 2009 (mira: 2011). Dan għandu jsir b'osservanza sħiħa tal-istrumenti finanzjarji, regoli u proċeduri tal-UE;

  – l-attivitajiet ta' assistenza teknika għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet espressi mill-pajjiżi tar-reġjun fil-qafas tal-Pjan ta' azzjoni reġjonali adottat mill-ECOWAS u appoġġat mill-Kummissjoni u implimentat **ukoll** mill-UNODC (mira: minn Settembru 2010).

- Jittejbu l-isforzi għall-prevenzjoni tad-devjazzjoni tal-prekursuri għall-produzzjoni ta' drogi illeċiti f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

- Għandhom jittejbu l-ħiliet u l-kapaċità tar-riżorsi f'termini ta' informazzjoni u t-twettiq ta' interċettazzjoni fuq il-baħar u l-operazzjonijiet ta' intervent mill-ajru:

  – għandha titfassal u tiġi aġġornata fuq bażi regolari lista ta' riżorsi u finanzjament implimentat mill-Istati Membri u l-UE (mira: it-tieni semestru tal-2010);
  – għandu jintlaħaq qbil mal-pajjiżi terzi rilevanti fir-reġjuni u xi "Stati tal-bandiera" sabiex ikunu ffaċilitati l-proċeduri ta' tluġħ abbord kif previst mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-traffiku illeċitu ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi 1988 (mira: 2011-2012);
  – għandhom ikunu żviluppati operazzjonijiet konġunti mill-art, baħar, xmajjar u ajru (mira: minn Settembru 2010, numru ta' operazzjonijiet skont il-ħtieġa).

II - Tfixkil tar-rotot tal-eroina

- L-Istati Membri kkonċernati mit-traffikar tal-eroina għandhom jadottaw approċċ komuni li jqis il-varjetà kbira ta' rotot u sħab involuti. Dan l-approċċ komuni għandu jinbena prinċipalment fuq in-netwerk tal-uffiċjali ta' kollegament tal-Istati Membri u tad-delegazzjonijiet tal-UE fil-Balkani u reġjuni oħrajn ta' transitu, billi jibni fuq l-isforzi eżistenti tal-Istati Membri **u tal-UE**:

  – il-kapaċità u r-rilevanza tan-netwerk eżistenti għandhom ikunu vvalutati skont il-ħtiġijiet operattivi (mira: 2011);

  – in-netwerk għandu jkun ikkonsolidat, kif meħtieġ, permezz ta' uffiċjali addizzjonali ta' kollegament tal-Istati Membri mibgħuta fil-pajjiżi terzi rilevanti (mira: l-ewwel semestru tal-2012);

  – għandhom jiġu inkoraġġuti bil-kbir skambji ta' informazzjoni bejn l-uffiċjali ta' kollegament tal-Istati Membri tal-UE u r-riżultati, fejn ikun adatt, għandhom jiġu kondiviżi fil-livell tal-aġenziji responsabbli għall-infurzar tal-liġi (mira: minn Settembru 2010, għandhom ikunu effettivi bis-sħiħ f'Jannar 2011);

– dan l-approċċ għandu jinvolvi, kif meħtieġ, l-aġenziji reġjonali eżistenti tal-infurzar tal-liġi, bħas-**SECI/**SELEC f'Bukarest u l-CARICC f'Almaty (Kazakistan) (mira: bidu minn Settembru 2010).

- Il-kooperazzjoni operattiva mal-pajjiżi terzi kkonċernati mit-traffikar tal-eroina fir-rotot tal-Balkani u tal-Baħar l-Iswed kif ukoll il-kooperazzjoni mal-Pajjiżi ġirien Ewropej tal-Lvant għandhom ikunu intensifikati kemm jista' jkun:

  – l-Istati fir-rotta tal-Balkani għandhom jieħdu sehem, kif meħtieġ, fil-proġetti mmexxija mill-Europol u fil-kontribut għall-Fajls ta' Ħidma Analitika (AWFs) tiegħu, fil-qafas legali applikabbli (mira: bidu minn Settembru 2010);

  – f'każijiet opportuni għandhom jitwettqu kunsinni kkontrollati u jintużaw aġenti sigrieti u dan f'kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi rilevanti (mira: bidu fl-2011);

  – fejn adatt għandhom jintużaw tekniki speċjali għas-sorveljanza tar-rotot tal-eroina f'kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi rilevanti (mira: 2011-2012);

  – fejn possibbli u meħtieġ għandhom jitwettqu investigazzjonijiet konġunti ma' pajjiżi terzi kkonċernati, jekk meħtieġ fil-qafas tal-kooperazzjoni bilaterali ma' dawn il-pajjiżi (mira: 2011-2012);

  – l-Unjoni Ewropea għandha twettaq inizjattivi biex jiżdied l-iskambju ta' informazzjoni u ta' kompetenzi bejn l-Istati Membri u l-Istati Balkani kkonċernati (mira: mit-tieni semestru tal-2010).

- F'koerenza u sinerġija sħiħa mal-politiki esterni u ta' tkabbir, għandhom jiġu żviluppati sħubiji ma' xi pajjiżi terzi li l-kooperazzjoni tagħhom hija meqjusa essenzjali, b'mod partikolari dawk il-pajjiżi li għandhom rwol fl-impatt fuq il-kummerċ tad-**drogi** fis-sors (mira: 2011-2012).

- L-attivitajiet ta' kooperazzjoni teknika mmexxija mill-Istati Membri u l-Kummissjoni ma' pajjiżi terzi kkonċernati mit-traffikar tal-eroina fil-Balkani għandhom ikunu kkoordinati aħjar sabiex ikunu evitati duplikazzjonijiet u sabiex ikunu kondiviżi ċerti investimenti maqbula mill-Istati Membri; dan għandu jsir b'osservanza sħiħa tal-istrumenti finanzjarji, regoli u proċeduri tal-UE.

  – għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu ad hoc flessibbli u konsultattiv għall-koordinazzjoni tal-assistenza teknika lil pajjiżi terzi rilevanti, f'assoċjazzjoni mal-Kummissjoni (mira: Settembru 2010); Dan għandu jsir b'osservanza sħiħa tal-istrumenti finanzjarji, regoli u proċeduri tal-UE;

  – b'kont meħud ta' dan il-prospett, għandha tkun stabbilita skeda ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni mmexxija mill-Kummissjoni u l-Istati Membri, imqassma lill-Istati Membri kkonċernati u analizzata sabiex tittejjeb l-offerta ġenerali ta' kooperazzjoni mill-Unjoni Ewropea (mira: 2011, aġġornata regolarment);

  – Ir-riżultati ta' proġetti Ewropej attwali għandhom ikunu vvalutati u l-proġetti Ewropej għandhom ikunu appoġġati u għandhom jitkomplew kif meħtieġ (mira: l-ewwel semestru tal-2011, aġġornata regolarment).

- Ir-rwol tal-Europol fir-reġjun għandu jissaħħaħ fil-qafas legali applikabbli kif meħtieġ:

  – il-kooperazzjoni bejn l-Europol u s-SELEC / **SECI** f'Bukarest […] **tista'** tissaħħaħ billi jsiru disponibbli mill-Europol kapaċitajiet tal-analiżi u billi jintbagħtu rappreżentanti tal-Europol fil-kwartieri ġenerali tas-**SECI**/SELEC (mira: Settembru 2010);

  – l-Europol għandu jipprovdi appoġġ analitiku għall-Istati Membri kkonċernati, inkluż in-netwerk ta' uffiċjali ta' kollegament, SECI /SELEC u CARICC, abbażi tal-OCTA u fl-għamla ta' "notifiki ta' theddid" personalizzati (OC-SCAN) (mira: Settembru 2010);

  – l-Europol għandu jipprovdi analiżijiet operattivi lill-Istati Membri kkonċernati, inkluż in-netwerk ta' uffiċjali ta' kollegament, SECI /SELEC u CARICC bl-użu ta' "gruppi mmirati" speċifiċi fil-Fajls eżistenti ta' Ħidma Analitika bħall-HEROIN AWF (mira: bidu minn Jannar 2011);

  – għandhom jittejbu l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-Europol u l-missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (EUPM u EULEX Kosovo) (mira: bidu minn 2011);

  – l-Applikazzjoni ta' Netwerk ta' Skambju ta' Informazzjoni Sikura (SIENA) tal-Europol għandha tkun użata mill-Istati Membri fiċ-ċentri reġjonali fl-għamla ta' terminal SIENA (mira: Jannar 2011).

- Il-ġlieda kontra d-devjazzjoni tal-prekursuri kimiċi għandha ssir prijorità komuni tal-Istati Membri li huma involuti partikolarment fil-ġlieda kontra l-eroina:

  – Stedina biex l-Istati Membri jappoġġaw lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex issaħħaħ il-kontroll u tindirizza d-dgħufijiet identifikati fil-liġi Ewropea dwar il-prekursuri mir-rapport ta' evalwazzjoni dwar il-leġislazzjoni rispettiva tal-KE dwar il-prekursuri (mira: l-aħħar tal-2011);

  – Jittejbu l-isforzi għall-prevenzjoni tad-devjazzjoni tal-prekursuri għall-produzzjoni ta' drogi illeċiti f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni;

  – il-miżuri speċjali ta' monitoraġġ għandhom jitkomplew, fil-qafas tal-proġetti ta' KOEŻJONI u dawk PRISM (mira: 2010-2011);

  – proġetti Ewropej attwali, bħall-programm tal-UE**,** ISEC, għandhom jingħataw appoġġ u jitkomplew (mira: 2012).

- Aħna ntennu l-importanza tal-ġlieda effettiva kontra t-traffikar tad-drogi, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE u wkoll fil-qafas tal-politika ta' tkabbiar tal-UE.

III - Ġlieda kontra r-rikavat mill-kriminalità

- L-istrumenti li jippermettu l-identifikazzjoni tar-rikavat mill-kriminalità għandhom jissaħħu fi ħdan l-Unjoni Ewropea b'kont meħud tal-evalwazzjonijiet attwali:

  – l-Istati Membri għandhom ikomplu jieħdu passi biex l-aġenziji tagħhom għall-irkupru ta' assi mill-kriminalità jsiru operattivi malajr, skont id-Deċiżjoni 2007/845/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2007, b'kont meħud tal-aħjar gwida prattika reċenti, tat-Task Force dwar l-Azzjoni finanzjarja, għall-irkupru tal-assi, u jipprovdulhom mezzi sostanzjali (mira: sa mhux aktar tard mill-aħħar tal-2010);

– l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa bil-ħsieb li jidentifikaw mezzi effettivi ta' identifikazzjoni ta' rikavat mill-kriminalità, (mira: minn Settembru 2010);

– fi ħdan il-qafas tal-Europol, għandha tissaħħaħ il-kooperazzjoni tal-unitajiet ta' investigazzjoni dwar il-ħasil tal-flus u servizzi oħrajn tal-pulizija tal-Istati Membri li jittrattaw il-ħasil tal-flus u għandu jiġi eżaminat il-valur miżjud ta' netwerk speċifiku informali (mira: l-aħħar tal-2010);

– is-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (SIE) u l-Fajls ta' Ħidma Analitika (pereżempju SUSTRANS) għandhom jintużaw fl-ipproċessar ta' data u intelligence relatati b'mod partikolari mal-ħasil tal-flus, iċ-ċirkwiti finanzjarji klandestini marbutin mat-traffikar tad-droga u l-identifikazzjoni tal-assi kriminali. (mira: l-ewwel semestru tal-2011).

- L-Eurojust għandu, meta mitlub mill-Istati Membri, jgħin biex tiġi ffaċilitata l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet relatati mal-qbid jew il-konfiska ta' rikavat mill-kriminalità fl-UE, kull meta din il-faċilitazzjoni tkun utli.

- L-UE għandha tikkunsidra li tipprovdi assistenza teknika lil pajjiżi terzi li jkunu lesti li jiżviluppaw strumenti għall-identifikazzjoni u l-qbid / **konfiska** u biex jadottaw il-leġislazzjoni meħtieġa biex dawn isiru effettivi. Dan ser jieħu kont tal-inizjattivi internazzjonali eżistenti (pereżempju l-UNODC/l-inizjattiva STAR tal-Bank Dinji).

- L-Istati Membri huma inkoraġġuti, kull meta dan ikun applikabbli, jużaw ir-rikavat mill-qbid/konfiska u miżuri simili oħrajn, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali, ta' assi kriminali ġġenerati mit-traffikar tad-droga biex itejbu l-ġlieda kontra d-droga kemm jista' jkun u b'rispett sħiħ tal-kompetenzi baġitarji tal-Istati Membri:

– Għandhom ikunu identifikati miri komuni li għandhom jinkisbu mill-Istati Membri fl-UE (mira: 2011).

Wara r-rakkomandazzjonijiet tal-COSI, il-Kunsill ĠAI ser jirrieżamina perjodikament l-istat ta' implimentazzjoni ta' dan il-patt. Dan il-patt ser ikun issupplimentat ukoll matul presidenzi futuri b'azzjonijiet komplimentari fir-rigward ta' drogi oħra.